7 ta' Mejju, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Emmanuele Busuttil *versus* Paolo Zammit ne et.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Destinazzjoni tal Fond — Appell — Kwistjoni ta' Dritt**

*Sentenza tal-Board tal-Kera li tafferma illi, sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni jekk kienx hemm jew le tibdil fid-destinazzjoni tal-fond minħabba li dan ikun inżamm magħluq, ma hemm ebda kriterju fiss, u dan jiġi determinat f'kull każ in ispeċje, meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikulari ta' kull każ, tenunċja prinċipju dwar il-kriterju li għandu jiġi segwit għad-determinazzjoni tal-kambjament ta' destinazzjoni ta' fond meta jinżamm magħluq; u b'hekk jiġi riżolut punt ta' dritt, li jirrendi dik is-sentenza appellabbli.*

Il-Qorti; — Rat it-talba ta' Emmanuele Busuttil quddiem il-Board li jirregola l-Kera sabiex jerġa jieħu taħt idejh il-fond li jinsab Ħal Safi, Church Square, preżentement bla numru, dahri kien numru 25, u magħruf bħala "St. Paul's Club", u dana peress li l-każin ilu magħluq żmien kbir u mhux qiegħed jiġi attivat, u għalhekk l-intimati qegħdin jagħmlu użu divers mill-fond li jintitola lir-rikorrenti jitlob li jieħu lura l-pussess tal-fond;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fis-7 ta' Diċembru, 1955, li biha ġiet milqugħa t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ġie prefiss xahrejn u nofs żmien; mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet dwar jekk il-fond in kwistjoni ingħalaqx, u meta ngħalaq. Infatti, mix-xhieda ta' l-istess intimati ġie stabbilit li l-każin in kwistjoni ilu magħluq minn nofs Frar 1955 'il hawn. U għalhekk l-unika kwistjoni li hemm bejniethom hija jekk dana l-għeluq kienx ġustifikat, u, f'każ negattiv, jekk kienx jikkostitwixxi tibdil ta' destinazzjoni, peress li l-fond kien ġie mikri biex jiġi wżat bħala każin, u mhux biex joqgħod magħluq;

*Illi l-intimati jiġġustifikaw l-għeluq tal-każin peress li* r-rikorrent kien avżahom li ried il-fond għalih qabel il-promulgazzjoni ta' l-Att No. V tal-1955, li bih il-każini ġew ekwiparati għall-ħwienet, u għalhekk ma riedux jassumu l-impenji biex jallokaw il-bottegin bħal ma kien isir ta' kull sena;

Illi l-ispjegazzjoni mogħtija mill-intimati għall-għeluq tal-każin kienet tkun plawsibbli li kieku, darba skonġurat il-perikolu bil-promulgazzjoni ta' 'l fuq imsemmi Att tal-1955, huma ħadu l-passi meħtieġa ħalli jerġgħu jattivawh, u għal dan l-iskop jindiċu offerti għall-għoti tal-bottegin. Dana ma sarx, u kien biss fix-xahar ta' Ottubru, wara li ġien preżentat ir-rikors preżenti, li huma avviċinaw *lix-xhud Bertu* Cachia, li fis-seduta tal-5 ta' Novembru 1955 qal: " . . . xi xahar ilu ġejt avviċinat mill-Kumitat, u ġejt mistoqsi jekk ridtx nieħu l-bottegin sa l-aħħar tas-sena, peress li kellhom imħallas sa l-aħħar ta' din is-sena. Jiena aċċettajt . . . ";

*Illi, kif jidher, l-intimati ħallew mit-3 ta' Mejju 1955,* jum li fih ġie promulgat l-Att V tal-1955, sal-bidu ta' Ottubru 1955, biex jieħdu deċiżjoni jifthux jew le l-każin, u għal dan iż-żmien kollu, u anzi minn nofs Frar 1955, ħallew il-fond magħluq;

Illi l-konsiderazzjoni illi fil-każin ma kellhomx il-bottegin allokat, u *konsegwentement ma kellhomx il-persuna* li normalment tieħu ħsieb tiftaħ u tagħlaq il-każin, ma setgħet qatt teżonera lill-intimati mill-obbligu li jibqgħu jattivaw il-każin, billi jifthu almenu ċerti granet fil-ġimgħa, jekk mhux ta' kuljum; u dana partikolarment matul il-perijodu bejn Mejju u Ottubru 1955. Huwa importanti, a propożitu, dak li qal 'il fuq imsemmi xhud Bertu Cachia: " . . . lili ma offrewlix li nieħu l-bottegin bil-kondizzjoni li, jekk is-sid jeħdilhom il-każin, il-kuntratt ta' bejnietna jisspiċċa";

Illi fl-aħħarnett l-interess, jew aħjar in-nuqqas ta' interess, li kellhom l-intimati illi jżommu attivat il-każin jidher mix-xhieda ta' wieħed minnhom, *Paolo Busuttil, li* qal li kien veru li huwa kien qal lill-mara tar-rikorrent li, kieku kien mingħalih, il-post jinfetaħ bħala sedi ta' l-Az-

zjoni Kattolika — naturalment bil-kuntentizza ta' kulħadd;

Illi, skartata l-pretensjoni ta' l-intimati, fis-sens li huma kienu ġustifikati jżommu l-każin magħluq matul il-perijodu minn Mejju sa Ottubru, tibqa' l-kwistjoni jekk dan l-għeluq jikkostitwixxix jew le tibdil ta' destinazzjoni;

Illi, a propożitu, l-intimati ssottomettew li l-perijodu li fih inżamm magħluq il-każin ma kienx tali li minnha tista' tiġi deżunta l-bidla fid-destinazzjoni tal-fond; u biex jikkonfortaw it-teżi tagħhom għamlu riferenza għal xi deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Illi, sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni jekk kienx hemm jew le tibdil fid-destinazzjoni tal-fond minħabba li dana jkun inżamm magħluq, ma hemm ebda kriterju fiss, u dana jiġi determinat f'kull każ in specje, meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ;

Illi, fil-fehma tal-Board, fil-każ in eżami kien hemm dan it-tibdil fid-destinazzjoni tal-fond, li kellu jservi bħala każin u li nżamm magħluq għall-perijodu minn nofs Frar sa l-ewwel ġranet ta' Ottubru 1955; u dana mhux biss mħabba fiċ-ċirkustanzi iżjed il-fuq spjegati, imma anki mħabba l-konsiderazzjoni li f'raħal żgħir bħal ma hu Ħal Safi huwa mpossibbli li ma jkunx jaf b'dan l-għeluq ir-raħal kollu; u dana iżjed u iżjed meta l-każin jinsab sitwat f'Church Square, li neċessarjament hija l-post l-aktar frekwentat tar-raħal;

Rat ir-rikors ta' l-intimati Paolo Zammit, Paolo Busuttil, Andrea Zammit u Paolo Mifsud, nomine, quddiem din il-Qorti, fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi t-talba tar-rikorrent tiġi miċħuda;

***Omissis;***

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni ta' l-inappellabbilità;

Illi bis-sentenza appellata ġie affermat li "sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni jekk kienx hemm jew le tibdil fid-destinazzjoni tal-fond minħabba li dana jkun inżamm magħluq, ma hemm ebda kriterju fiss, u dan jiġi determinat f'kull każ in speċje, meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ". B'dan il-mod il-Board enunċja prinċipju dwar il-kriterju li għandu jiġi segwit għad-

determinazzjoni tal-kambjament ta' destinazzjoni meta fond jinżamm magħluq, u b'hekk ġie riżolut punt ta' dritt, li jirrendi dik is-sentenza appellabbli (art. 25 Kap. 109);

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inappellabbilità, bl-ispejjeż kontra l-appellat Emmanuele Busuttil.

---